Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1098/2004

**Simonds Farsons Cisk plc**

**vs**

**Anthony Bonavia**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Mejju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallasu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija u tnejn u disghin lira Maltin u dsatax il-centezmu (Lm492.19) rapprezentanti valur ta' prodotti ta' xorb mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta attrici fuq inkarigu tal-istess konvenut.

Bl-imghax u bl-ispejjes, kontra l-konvenut li huwa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbgha mija u tnejn u disghin lira Maltin u dsatax il-centezmu (Lm492.19), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------